ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 487**

**L-Erbgħa 31 ta' Jannar, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
Joseph Bonnici – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Brian Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**487.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

487.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Brian Spiteri fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Brian Spiteri jkun skużat.

**487.2 Żvilupp f'Ħaż-Żabbar**

487.2.1 Is-Sindku qal illi kien sejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiġi diskuss żvilupp f'Bulebel kif ukoll żvilupp ta' stabbiliment tal-ikel b'parkeġġ ta' tmienja u għoxrin karozza li jinsab fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ) fi Triq tal-Labour.

487.2.2 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex jgħidu l-pożizzjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

487.2.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa x'kien l-iżvilupp relatat ma' Bulebel. Is-Sindku qal illi kienet ser titkabbar iż-żona ndustrijali ta' Bulebel.

487.2.4 Is-Sindku qal illi kull żvilupp f'Ħaż-Żabbar jista' jaffetwa lir-residenti b'xi mod jew ieħor, kemm fil-pożittiv kif ukoll fin-negattiv.

487.2.5 Is-Sindku qal illi fi Triq tal-Labour kien qed jiġi propost il-bini ta' *Mc Donalds* b'parkeġġ ta' tmienja u għoxrin karozza. Is-Sindku qal ukoll illi l-proġett propost fi Triq tal-Labour ma kienx ser ikun kollu fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ) peress illi l-istabbiliment tal-ikel kien ser isir minflok dar eżistenti.

487.2.6 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx diġa ħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġi żvilupp il-proġett propost fi Triq tal-Labour. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

487.2.7 Is-Sindku qal illi l-pjanti tal-iżvilupp propost diġa ġew sottomessi u l-Awtorità tal-Ippjanar għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha f'Mejju li ġej.

487.2.8 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kienx ġie konsultat dwar l-iżvilupp propost fi Triq tal-Labour. Is-Sindku żied jgħid li kull persuna għandha dritt li tissottometti kull tip t'applikazzjoni, imbagħad jiddependi mill-Awtorita' tal-Ippjanar li tapprova l-applikazzjonijiet.

487.2.9 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill jistax iwaqqaf il-proġett propost fi Triq tal-Labour.

487.2.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistax iwaqqaf il-proġett propost imma jista jressaq l-oġġezzjoni tiegħu għal dan il-proġett.

487.2.11 Is-Sur John J Pace talab lill-Kunsill sabiex iżomm lir-residenti aġġornati bl-iżviluppi relatati ma' dan il-proġett propost.

487.2.12 Is-Sur Joseph Vella qal illi ż-żgħażagħ kienu qed jaraw l-istabbiliment tal-*Mc Donalds* bħala wieħed attraenti filwaqt li r-residenti ta' Triq tal-Labour kif ukoll l-ambjentalisti ma kienux qed jaqblu ma' dan l-iżvilupp propost. Is-Sur Vella qal illi huwa jaqbel li jkun hawn *Mc Donalds* f'Ħaż-Żabbar imma ma jaqbilx li jinbena f'żona barra l-iżvilupp (ODZ).

487.2.13 Is-Sur Roderick Vella qal illi ma jsibx oġġezzjoni għal żvilupp ta' proġetti f'Ħaż-Żabbar li jkun ta' ġid għaż-Żabbarin, iżda ma jaqbilx li l-proġetti jiġu żviluppati f'art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

487.2.14 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jagħmel studju dwar l-impatt li jista' jkollu l-iżvilupp propost fi Triq tal-Labour.

487.2.15 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi ma jaqbilx li jsir żvilupp fi Triq tal-Labour fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

487.2.16 Il-Viċi-Sindku qal illi l-applikazzjoni għall-proġett propost saret fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ) u li dan l-iżvilupp kummerċjali kien ser iżid il-konġestjojni tat-traffiku f'Ħaż-Żabbar. Il-Viċi-Sindku tkellem dwar l-effett negattiv li ser iħalli t-traffiku u qal illi kien ser jiżdied it-tniġġiż tal-arja f'din it-triq. Il-Viċi Sindku qal ukoll illi ħafna nies imorru passiġġata mad-dawra ta' Ħaż-Żabbar u jużaw Triq tal-Labour. Il-Viċi-Sindku kompla jgħid li ma jaqbilx li tiġi żviluppata art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

487.2.17 Is-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa fis-6.05 ta' filgħaxija.

487.2.18 Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk l-Awtorita tal-Ippjanar kienetx approvat żvilupp ta' bini f'art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ) ta' *Lourdes Petrol Station* fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

487.2.19 Is-Sindku qal illi l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li l-Kunsill ma jmurx kontra l-iżvilupp ta' *Mc Donalds* f'Ħaż-Żabbar iżda kontra l-iżvilupp f'art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ). Is-Sindku qal ukoll illi f'Ħaż-Żabbar kien hemm ħafna postijiet vojta li jistgħu jiġu żviluppati minflok Triq tal-Labour. Is-Sindku żied jgħid li d-*drive thru* tal-*Mc Donalds* tista' toħloq konġestjoni ta' traffiku fi Triq tal-Labour.

487.2.20 Is-Sindku qal illi kien ser jitlob laqgħa mas-sidien ta' *Mc Donalds* sabiex jiġu jiddiskuti l-pjanti sottomessi u tiġi diskussa l-probabbilità li jsir *underground parking* minflok il-bini fuq art fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

487.2.21 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku il-Kunsill qabel unanimament li jiġi limitat l-iżvilupp f'Ħaż-Żabbar fiż-żona barra l-iżvilupp (ODZ).

487.2.22 Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji rapport dwar l-impatt li jista' jħalli dan l-istabbiliment tal-ikel fuq it-traffiku fi Triq tal-Labour.

487.2.23 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tissejjaħ laqgħa pubblika nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar 2018 fis-6.00 filgħaxija, bl-iskop li r-residenti Żabbarin ikun jistgħu jwasslu il-ħsibijiet tagħhom dwar l-iżvilupp propost fi Triq tal-Labour.

**487.3 Tmiem tal-laqgħa**

486.1.1 Il-laqgħa spiċċat fit-6.25 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-490 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Frar, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku